bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Raymond D'Anastasi)
vs
Gilbert Portelli, iben
Anthony, imwieled Pieta',
fit-12 ta' novembru, 1980

Illum, 24 ta' jannar, 2001

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat -
1. talli fil-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' settembru, 2000 f'San Ġiljan ikkometta serq ta' erba' 'hub cups' minn fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni NOE 476,
għad-dannu ta' Noel Theuma, mill-Marsa liema serq hu aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data u/jew fil-jiem ta' wara, f'Malta xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' jannar, 2001 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuża miġjujba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(f)(g), 270, 271(g) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.